Nru./No. 20,839
Prezz/Price
€2.52

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 19 ta' April, 2022
Tuesday, 19th April, 2022

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 7057 - 7078
Government Notices ..... *7057 - 7078*

Avviżi tal-Pulizija ..... 7079 - 7082
Police Notices ..... *7079 - 7082*

Avviżi lill-Baħħara ..... 7082 - 7084
Notices to Mariners ..... *7082 - 7084*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 7085 - 7091
Employment Opportunities ..... *7085 - 7091*

Avviżi tal-Gvern ..... 7091 - 7094
Notices ..... *7091 - 7094*

Offerti ..... 7094 - 7099
Tenders ..... *7094 - 7099*

Avviżi tal-Qorti ..... 7099 - 7108
Court Notices ..... *7099 - 7108*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 397

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

Ħatra ta' Segretarju Permanenti

IL-PRESIDENT ta' Malta, fuq parir mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, skont il-provvediment ta' Artiklu 92 (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ħatar lis-Sur Joseph Chetcuti bħala Segretarju Permanenti b'seħħ mit-8 ta' April, 2022 sas-7 ta' April, 2026.

Id-19 ta' April, 2022

Nru. 398

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

Ħatra ta' Segretarju Permanenti

IL-PRESIDENT ta' Malta, fuq parir mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, skont il-provvediment ta' Artiklu 92 (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ħatar lis-Sur Emanuel Psaila bħala Segretarju Permanenti b'seħħ mit-8 ta' April, 2022 sas-7 ta' April, 2026.

Id-19 ta' April, 2022

Nru. 399

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

Ħatra ta' Segretarju Permanenti

IL-PRESIDENT ta' Malta, fuq parir mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, skont il-provvediment ta' Artiklu 92 (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ħatar lis-Sur Carlos Tabone bħala Segretarju Permanenti b'seħħ mit-8 ta' April, 2022 sas-7 ta' April, 2026.

Id-19 ta' April, 2022

Nru. 400

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviż Legali li ġej ġie ppubblikat fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 20,831 tal-11 ta' April, 2022 (Avviż Legali 118).

A.L. 118 tal-2022: *Medicines Act (Cap. 458); Testing of COVID-19 (Amendment) Regulations, 2022*.

Id-19 ta' April, 2022

GOVERNMENT NOTICES

No. 397

OFFICE OF THE PRIME MINISTER

Appointment of Permanent Secretary

THE PRESIDENT of Malta, on the advice of the Public Service Commission, in accordance with the provisions of Article 92 (3) of the Constitution of Malta appointed Mr Joseph Chetcuti as Permanent Secretary with effect from 8th April, 2022 up to 7th April, 2026.

19th April, 2022

No. 398

OFFICE OF THE PRIME MINISTER

Appointment of Permanent Secretary

THE PRESIDENT of Malta, on the advice of the Public Service Commission, in accordance with the provisions of Article 92 (3) of the Constitution of Malta appointed Mr Emanuel Psaila as Permanent Secretary with effect from 8th April, 2022 up to 7th April, 2026.

19th April, 2022

No. 399

OFFICE OF THE PRIME MINISTER

Appointment of Permanent Secretary

THE PRESIDENT of Malta, on the advice of the Public Service Commission, in accordance with the provisions of Article 92 (3) of the Constitution of Malta appointed Mr Carlos Tabone as Permanent Secretary with effect from 8th April, 2022 up to 7th April, 2026.

19th April, 2022

No. 400

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notice was published in the Supplement to the Government Gazette No. 20,831 of 11th April, 2022 (Legal Notice 118).

L.N. 118 of 2022: Medicines Act (Cap. 458); Testing of COVID-19 (Amendment) Regulations, 2022.

19th April, 2022

Nru. 401

MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL

Għotja fuq Xiri ta' Apparat Speċjali għall-Użu minn Persuni b'Diżabilità

B'REFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern numru 1391, ippubblikata fil-Gazetta tal-Gvern numru 20,290, tal-5 ta' Novembru 2019, l-iskema ta' għotja 'Għotja fuq Xiri ta' Apparat Speċjali għall-użu minn Persuni b'Diżabilità qed tiġi emendata kif ġej.

Sabiex il-Gvern jassisti lil persuni b'diżabilità li jkollhom il-bżonn li jixtru apparat speċjali sabiex ikomplu fil-ħajja tagħhom, il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol nieda din l-iskema.

1. Tifsir

F'din l-iskema, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġ xorta oħra:

'applikant' tfisser persuna residenti f'Malta u li hija rreġistrata bħala persuna b'diżabilità mal-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, jew xi persuna jew entità oħra f'isem persuna b'diżabilità li hija rreġistrata bħala persuna b'diżabilità mal-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità;

'applikazzjoni' tfisser l-applikazzjoni li ssir għall-għotja taħt din l-iskema;

'data effettiva' tfisser l-1 ta' Jannar 2020;

'Malta' tfisser il-gżejjer ta' Malta;

'persuna' tfisser persuna fiżika u ma tinkludix xi entità organizzativa;

'persuna residenti f'Malta' tfisser persuna fiżika li jkollha dokument ta' identifikazzjoni legalment maħruġ skont l-Att dwar il-Karta tal-Identità u Dokumenti Oħra tal-Identità (Kap. 258) jew li jkollha permess ta' residenza jew dokument ekwivalenti maħruġ minn awtorità nazzjonali kompetenti;

'entità' tfisser organizzazzjoni li hija rreġistrata bħala Organizzazzjoni mhux Governattiva mal-Kummissjoni għall-Għaqdiet Volontarji;

'riċevuta fiskali' tfisser riċevuta kif imfissra fit-Tlettax-il Skeda tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap. 406), kif sussegwentament emendat, u tinkludi kull regolament magħmul taħt l-istess Att;

No. 401

MINISTRY FOR FINANCE AND EMPLOYMENT

Grant on the Purchase of Special Equipment for Use by Persons with Disability

WITH reference to Government Notice number 1391, that was published on the 5th November, 2019, in Government Gazette number 20,290, this grant scheme 'Grant on the Purchase of Special Equipment for use by Persons with Disability' is being amended as follows.

In order for the Government to assist persons with disability that need to purchase special equipment required to live an independent life, the Ministry for Finance and Employment issued the following scheme:

1. Interpretation

In this scheme, unless the context otherwise requires:

'applicant' means any person who is a resident in Malta and who is registered as a person with disability with the Commission for the Rights of Persons with Disability, or any other person or entity applying in the name of a disabled person who is registered as disabled with the Commission for the Rights of Persons with Disability;

'application' means the application made for a grant under this scheme;

'effective date' means the 1st January 2020;

'Malta' means the islands of Malta;

'person' means a natural person and does not include any organisational entity;

'person residing in Malta' means a natural person who holds a legally valid identification document issued in terms of the Identity Card and Other Documents Act (Cap. 258) or who has a residence permit or equivalent documentation issued by a competent national authority;

'entity' means an organisation that is registered as a Non-governmental Organisation with the Commission for Voluntary Organisations;

'fiscal receipt' means a receipt as defined in the Thirteenth Schedule to the Value Added Tax (Cap. 406), as subsequently amended, and also includes any regulation made under the same Act;

'apparat speċjali' jfisser kwalunkwe apparat li hu inkluż fl-iskeda (B) annessa ma' din in-notifikazzjoni u li hu intiż għall-użu ta' persuni b'diżabilità u li bihom jitjieb il-livell tal-ħajja u indipendenza tal-persuni b'diżabilità;

'valur tax-xiri tal-apparat' ifisser il-valur aħħari tax-xiri tal-apparat komplut, inkluż il-VAT, u liema valur tal-apparat ikun tħallas kollu mill-applikant qabel japplika għal din l-għotja.

2. Applikabilità

Din l-iskema tapplika għall-infiq li jsir fuq il-valur tax-xiri tal-apparat speċjali mill-applikant, liema apparat ikun inxtara mill-applikant fid-data effettiva jew wara, matul it-terminu ta' din l-iskema.

3. L-infiq li għandu jiġi rrappurtat

L-infiq li għandu jiġi rrappurtat huwa dwar il-valur tax-xiri tal-apparat speċjali biex jintuża esklussivament minn persuni b'diżabilità u kif huwa deskritt fil-paragrafu 1 hawn fuq.

4. Kif wieħed japplika u dokumenti li għandhom jiġu pprovduti

(i) Applikazzjonijiet taħt din l-iskema għandhom isiru jew fuq il-formola murija fl-iskeda (A) li tinsab ma' din l-iskema, u għandu jkun fihom dak it-tagħrif, dettalji u dokumenti kollha kif meħtieġa fl-imsemmija formola u skont din l-iskema, jew inkella permezz ta' portal/i elettroniku/ċi uffiċjali.

(ii) Sottomissjoni ta' applikazzjoni

Applikazzjonijiet sottomessi bl-idejn jew bil-posta għandhom jinkludu dan li ġej:

(a) in-numru tal-Karta Speċjali tal-Identità tal-persuna b'diżabilità li għaliha qed issir it-talba, kif maħruġa mill-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità;

(b) f'każ ta' persuna li tkun qed tagħmel it-talba f'isem persuna b'diżabilità, kopja tal-Karta tal-Identità tal-applikant, jew, fin-nuqqas ta' Karta tal-Identità, kopja ta' xi dokument uffiċjali ieħor kif imsemmi fit-tifsira 'persuna residenti f'Malta' fil-paragrafu 1 ta' din l-iskema;

(c) f'każ ta' entità li tkun qed tagħmel it-talba f'isem persuna b'diżabilità, in-numru tar-reġistrazzjoni mal-Kummissjoni għall-Għaqdiet Volontarji flimkien mad-dettalji tal-persuna b'diżabilità li għaliha qed issir l-applikazzjoni.

'special equipment' means any type of equipment that is included in schedule (B) that is annexed to this notice and that is intended for the use of persons with disability and specifically aimed to improve their level of life and independence;

'purchase price of the equipment' means the total purchase price of the complete equipment including VAT and which purchase price has been paid in full by the applicant prior to applying for this grant.

2. Area of applicability

This scheme applies to the expenditure that is incurred on the purchase price of the special equipment by the applicant, and which equipment is purchased by the applicant on the effective date or afterwards during the duration of this scheme.

3. Expenditure to be reported

The expenditure to be reported is in respect of the purchase price of the special equipment as defined in paragraph 1 above.

4. Manner of application and supporting documents

(i) Applications under this scheme shall be made either on the form set out in schedule (A) annexed to this scheme, and shall contain all the information, details and documents as required in the said form and in terms of this scheme, or else via the official electronic portal/s.

(ii) Submission of application

Applications submitted by hand or post shall include the following:

(a) the Special Identity Card number of the person with disability for whom this application is being made, as issued by the Commission for the Rights of Persons with Disability;

(b) in the case where an application is being made in the name of a person with disability, a copy of the Identity Card of the applicant, or, in the case of the lack of an Identity Card, a copy of any other official document of identity as referred to in the interpretation of a 'person residing in Malta' in paragraph 1 of this scheme;

(c) in the case of an entity that is applying on behalf of a person with disability, the registration number with the Commission for Voluntary Organisations, together with the details of the person with disability on behalf of whom that

Id-dettalji jridu jinkludu l-isem tal-persuna b'diżabilità li se tibbenefika mill-apparat, l-indirizz u n-numru tal-Karta Speċjali tal-Identità tal-persuna b'diżabilità li għaliha qed issir it-talba;

(d) l-irċevuta fiskali oriġinali tax-xiri tal-apparat speċjali flimkien mal-fattura oriġinali li tindika t-tip ta' apparat speċjali li nxtara.

Fil-każ ta' apparat speċjali mhux mixtri minn Malta tkun meħtieġa l-fattura oriġinali maħruġa mill-fornitur tal-apparat speċjali flimkien mad-'delivery note', id-dokument oriġinali li jikkonferma li l-ħlas komplet sar, u fejn ikun meħtieġ, awtorizzazzjoni mill-Maltapost/Dipartiment tad-Dwana ta' Malta. Dawn id-dokumenti jridu jikkonfermaw li l-apparat speċali verament inxtara; li l-valur tax-xiri tal-apparat speċjali tħallas kollu flimkien mad-dazju u VAT dovut fuqu kif ikun meħtieġ; li dan ix-xiri jkun sar mix-xerrej għall-applikant; u li l-apparat speċjali ġie kkunsinnat fir-residenza tal-applikant jew tal-persuna b'diżabilità li għaliha tkun saret l-applikazzjoni. Barra minn hekk fejn ikun meħtieġ l-apparat speċjali mixtri jrid ikollu ċertifikat li jattesta l-konformità mal-istandards tas-saħħa u s-sigurtà tal-UE.

(e) kull dokument ieħor li l-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol jista' jitlob minn żmien għal żmien.

Applikazzjonijiet sottomessi permezz ta' portal/i elettroniku/ċi uffiċjali.

L-applikant għandu jagħti d-dettalji tal-fatturi/l-irċevuti fiskali u kull dokumentazzjoni oħra meħtieġa hekk kif meħtieġ fuq il-portal indikat. Iżda, l-irċevuti fiskali oriġinali/fatturi u dokumentazzjoni rilevanti għandhom jinżammu mill-applikant għal perjodu ta' mhux anqas minn sentejn mid-data tal-applikazzjoni u jiġu preżentati lill-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi meta mitluba għal skop ta' verifika.

F'każ fejn d-dokumenti ma jiġux preżentati meta mitluba l-applikant ikun obbligat li jirrifondi l-ammont li jkun ingħata taħt l-iskema u f'każ ta' applikazzjoni frawdolenti tittieħed azzjoni kriminali kontrih skont il-Kodiċi Kriminali (Kap. 9).

Fil-każ ta' apparat speċjali mhux mixtri minn Malta jkun meħtieġ li dawn id-dokumenti kif ġej jinżammu mill-applikant għall-perjodu kif indikat iktar 'il fuq. Id-dokumenti meħtieġa huma fattura oriġinali maħruġa mill-fornitur tal-apparat speċjali flimkien mad-'delivery note', id-dokument oriġinali li jikkonferma li l-ħlas komplut sar u, fejn ikun meħtieġ, awtorizzazzjoni mill-Maltapost/Dipartiment tad-Dwana ta' Malta. Dawn id-dokumenti jridu jikkonfermaw li l-apparat speċali verament inxtara; li l-valur tax-xiri tal-apparat speċjali tħallas kollu flimkien mad-dazju u VAT

entity is applying. The details shall include the name of the person with disability who is going to benefit from the equipment, the address and the Special Identity Card number of the person on behalf of whom the entity is applying;

(d) the original fiscal receipt relating to the purchase of the special equipment, together with the original invoice indicating the type of special equipment purchased.

In the case of special equipment not purchased from Malta the original invoice issued by the supplier indicating the type of special equipment purchased, together with the delivery note, the original documentary proof that final payment has been effected, and clearance from Maltapost/Department of Customs Malta as may be required. These documents must confirm that the special equipment was really purchased; that the purchase price of the special equipment which price includes duty and VAT as may be required was really paid in full; that such a purchase was effected by the purchaser for the applicant; and that the special equipment was delivered to the applicant's residence or to the residence of the person with disbility for whom the application would have been made. The special equipment must also have a certificate of conformity with EU standard safety regulations, as may be required;

(e) any other document which the Minister for Finance and Employment may, from time to time, require.

Applications submitted via the official electronic portal/s.

The applicant shall furnish the details of the invoices/fiscal receipts and any further documentation required to be submitted as required on the indicated portal. Provided that, the original fiscal receipts/invoices and relevant documentation shall be kept by the applicant for a period of not less than two years from the date of application and produced upon request to the Office of the Commissioner for Revenue for verification purposes.

Failure to produce any such documents upon request the applicant will be obliged to refund the amount paid under the scheme and in the case of a fraudulent application criminal action in terms of the Criminal Code (Cap. 9) will be taken against him.

In the case of special equipment not purchased from Malta the original invoice issued by the supplier indicating the type of special equipment purchased, together with the delivery note, the original documentary proof that final payment has been effected, and clearance from Maltapost/Department of Customs Malta as may be required, must be retained by the applicant for a period as stipulated above. These documents must confirm that the special equipment was really purchased; that the purchase price of the special equipment which price includes duty and VAT as may be

dovut fuqu kif ikun meħtieġ; li dan ix-xiri jkun sar mix-xerrej għall-applikant; u li l-apparat speċjali ġie kkunsinnat fir-residenza tal-applikant jew tal-persuna b'diżabilità li għaliha tkun saret l-applikazzjoni. Barra minn hekk, fejn ikun meħtieġ l-apparat speċjali mixtri jrid ikollu ċertifikat li jattesta l-konformità mal-istandards tas-saħħa u s-sigurtà tal-UE

(iii) Ikunu jikkwalifikaw biss għall-għotja msemmija fil-paragrafu 5 ta' din l-iskema dawk l-applikazzjonijiet li jkunu jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' din l-iskema.

(iv) Applikazzjonijiet taħt din l-iskema, u fejn applikabbli id-dokumenti meħtieġa, għandhom jigu sottomessi, mhux aktar tard minn sitt xhur mid-data tax-xiri tal-apparat speċjali.

Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jkunu:

Imwassla bl-idejn fiċ-Ċentru Servizz Familja, Triq Emvin Cremona, Il-Furjana FRN 1290;

Mibgħuta bil-posta lil Aġenzija Sapport fl-indirizz Triq Patri Ġwann Azzopardi, Santa Venera SVR 1614;

Sottomessi permezz ta' portal/i elettroniku/ċi uffiċċjali.

Huwa rrakkomandat li jekk id-dokumenti jintbagħtu bil-posta, dawn għandhom jintbagħtu bil-posta reġistrata. Formoli tal-applikazzjonijiet jinkisbu minn (www.finance.gov.mt) jew minn (www.sapport.gov.mt).

Applikazzjonijiet milqugħa 'tard', jiġifieri wara dawn is-sitt xhur, jiġu kkunsidrati bħala applikazzjonijiet invalidi.

5. Għotja li titħallas taħt din l-iskema

(a) Applikanti li jikkwalifkaw jistgħu japplikaw għall-għotja ta' mhux aktar minn 4.5% fuq il-valur tax-xiri ta' apparat speċjali mniżżel fuq l-ewwel parti tal-iskeda (B) u ta' mhux aktar minn 17.5% fuq il-valur tax-xiri ta' apparat speċjali mniżżel fuq it-tieni parti tal-iskeda (B) u sa għotja ta' limitu massimu ta' €1,000.

(b) Dawn il-livelli massimi se jkunu applikabbli għal perjodu ta' ħames snin minn meta l-individwu jkun ibbenefika mill-ewwel għotja. Għalhekk individwu jista' japplika diversi drabi għal din l-iskema ta' għotja iżda ma jistax jeċċedi l-ammont kumulattiv tal-għotja/għotjiet b'iktar mil-livell massimu indikat. Dan jibqa' japplika għal perjodu ta' ħames snin.

(c) Fil-każ ta' persuni li diġà bbenefikaw mill-għotja tal-iskema preċedenti relatati max-xiri ta' apparat speċjali għall-użu minn persuni b'diżabilità, il-kundizzjonijiet applikabbli taħt il-klawsola 5 tal-iskema ta' għotja maħruġa

required was really paid in full; that such a purchase was effected by the purchaser for the applicant; and that the special equipment was delivered to the applicant's residence or to the residence of the person with disbility for whom the application would have been made. The special equipment must also have a certificate of conformity with EU standard safety regulations, as may be required;

(iii) Only those applications that are found to conform with the provisions of this scheme shall be eligible for payment of the grant referred to in paragraph 5 of this scheme.

(iv) Applications under this scheme, and where applicable the documents required to be submitted with the application should be submitted by not later than six months from the purchase of the special equipment.

Application forms can be:

Submitted by hand at Ċentru Servizz Familja, Triq Emvin Cremona, Floriana FRN 1290;

Sent by post to Aġenzija Sapport at the address Triq Patri Ġwann Azzopardi, Santa Venera SVR 1614;

Submitted via the official electronic portal/s.

It is recommended that if documents are sent by post, registered mail should be used. Application forms are available on (www.finance.gov.mt) or on (www.sapport.gov.mt).

Applications received 'late', that is after the sixmonth period, shall be demed to be invalid applications.

5. Grant payable under this scheme

(a) Eligible applicants may apply for a grant of not more than 4.5% on the purchase price of the special equipment as listed in part one of schedule (B) and for a grant of not more than 17.5% on the purchase price of the special equipment as listed in part two of schedule (B), subject to a maximum capping of €1,000.

(b) This capping will be applicable for a five year period from when the individual would have benefitted from the first grant. Therefore an individual is able to apply multiple times for this grant scheme but the cumulative amount of the grant/s received cannot be more than the indicatedmaximum capping. This will apply for a period of five years.

(c) In case of persons who have already benefited from the grant of the previous scheme related to the purchase of special equipment for use by persons with disability, applicable conditions under clause 5 of the grant scheme issued in terms

skont l-Avviż tal-Gvern numru 951, li ġie ppubblikat fl-1 ta' Settembru, 2017, fil-Gazzetta tal-Gvern numru 19,587, u sussegwentement emendata bl-Avviż tal-Gvern numru 164, li ġie ppubblikat fid-9 ta' Frar, 2018, fil-Gazzetta tal-Gvern numru 19,946, se jibqgħu fis-seħħ fit-termini u l-kundizzjonijiet tagħhom u jibqgħu jkunu effettivi u vinkolanti, suġġett li l-limitu massimu se jkun ta' €1,000. Dan il-limitu massimu se jkun applikabbli għal perjodu ta' ħames snin minn meta l-individwu jkun ibbenefika mill-ewwel għotja u l-ammont kumulattiv tal-għotja/għotjiet ma jistax ikun aktar mill-limitu massimu indikat anke jekk din inkisbet bis-saħħa tal-għotja msemmija ppubblikati mill-Avviż tal-Gvern numru 951 u sussegwentement emendata bl-Avviż tal-Gvern 164.

6. Ħlas tal-għotja

L-għotja titħallas lill-applikant, jew lill-ġenitur/i/ kustodju/i legali fil-każ ta' applikant minuri taħt is-sittax- il sena, permezz ta' kreditu dirett fil-kont bankarju indikat fl-applikazzjoni.

7. Validità tal-applikazzjoni

Applikazzjoni ma tkunx meqjusa valida jekk:

ma tkunx sħiħa u dettaljata f'kull aspett materjali tagħha;

ma jkollhiex inklużi magħha d-dokumentazzjoni kollha/ id-dettalji kollha rilevanti;

ma tkunx sottomessa lill-uffiċċju indikat fi żmien sitt xhur mid-data tax-xiri tal-apparat speċjali kif stipulat fil-paragrafu 4 ta' din l-iskema.

8. Tul tal-iskema

Din l-iskema tibqa' fis-seħħ għal żmien indefinit mid-data effettiva, sakemm il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol jagħżel li jimmodifikaha/jitterminaha permezz ta' avviż li jkun ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern.

9. Emendi għall-iskema

Il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol iżomm id-dritt li jagħmel kull tibdil f'din l-iskema bil-pubblikazzjoni ta' dak it-tibdil fil-Gazzetta tal-Gvern.

SKEDI

Skeda A – Formola tal-Applikazzjoni

Skeda B – Lista ta' Apparat Speċjali Eliġibbli

Id-19 ta' April, 2022

of Government Notice number 951, that was published on the 1st September, 2017, in Government Gazette number 19,587, and as subsequently amended by Government Notice number 164, that was published on 9th February, 2018, in Government Gazette number 19,946, shall be kept in force within their terms and conditions and shall continue to be effective and binding, subject that the maximum capping shall be €1,000. This capping will be applicable for a five-year period from when the individual would have benefitted from the first grant and the cumulative amount of the grant/s received cannot be more than the indicated maximum capping even if this was obtained in virtue of the said grant published by Government Notice number 951 and subsequently amended by Government Notice 164.

6. Payment of grant

The grant will be credited to the applicant, or to the parent/s/ legal guardian/s in the case of applicants under the age of sixteen, in the bank account that is indicated in the application.

7. Validity of application

An application shall not be deemed to be valid unless:

it is full and complete in all material aspects;

it is accompanied by all the relevant documentation/ details as required;

it is submitted to the indicated office by not later than six months from the date of purchase of the special equipment as is stipulated in paragraph 4 of this scheme.

8. Duration of the scheme

This scheme shall remain in force for an indefinite period from the effective date, until such time that the Minister for Finance and Employment may opt to modify/ terminate it by a notice to be published in the Government Gazette

9. Amendments to the scheme

The Minister for Finance and Employment reserves the right to make any amendments to this scheme by the publication of the said amendments in the Government Gazette.

SCHEDULES

Schedule A – Application Form

Schedule B – List of Eligible Special Equipment

19th April, 2022

APPLIKAZZJONI GĦAL SUSSIDJU FUQ IX-XIRI TA' APPARAT SPEĊJALIZZAT GĦALL-UŻU MINN PERSUNI B'DIŻABILITÀ

(*Jekk jogħġbok ikteb ittri KAPITALI u uża inka blu*)

Parti A: Dettalji ta'min ser ikun qed jagħmel użu mill-apparat speċjalizzat u dettalji tal-apparat.
Din il-parti għandha timtela minn kull kategorija ta' applikanti.

Isem		**Kunjom**	
Nru. tal-Karta tal-Identità		**Nru. tal-Karta tal-SID**	
Email			
Nru. tat-telefon		**Nru. tal-mowbajl**	
Deskrizzjoni tal-apparat speċjalizzat			
Il-prezz tal-apparat speċjalizzat	**€**	**In-numru tal-VAT number tal-bejjiegħ tal-apparat speċjalizzat (jekk applikabbli)**	**€**
Firma		**Data**	

Parti B: Dettalji tal-applikant li qed japplika f'ismu jew f'isem persuna b'diżabilità.
F'każ ta' organizzazzjoni non-governattiva, imla Parti Ċ.

Isem		**Kunjom**	
Nru. tal-Karta tal-Identità			
Nru. tat-telefon		**Nru. tal-mowbajl**	
Email			

Parti Ċ: Dettalji dwar l-organizzazzjoni non-governattiva.
F'każ li persuna qed tapplika f'isimha jew f'isem persuna b'diżabilità, imla Parti B.

Isem tal-organizzazzjoni			
Numru tar-reġistrazzjoni tal-organizzazzjoni mal-Kummissarju tal-Organizzazzjonijiet Volontarji			
Indirizz tal-organizzazzjoni			
Nru. tat-telefon		**Email**	

Parti D: Lista ta' dokumenti meħtieġa ma' din il-formola

- Kopja tal-karta tal-identità speċjali tal-persuni b'diżabilità;

- Jekk din l-applikazzjoni qed tiġi sottomessa f'isem persuna b'diżabilità, kopja tal-karta tal-identità ta' min qed japplika. Fiż-żewġ każijiet, jekk ma jkunx hemm kopja tal-karta tal-identità, għandu jiġi provdut dokument uffiċċjali ieħor kif deskritt f'paragrafu 4(ii)(b) ta' dan l-Avviż;
- Irċevuta fiskali oriġinali;
- Fattura (*invoice*) oriġinali;
- F'każ li l-apparat speċjalizzat ma jkunx mixtri minn Malta:
  - Il-fattura (*invoice*) oriġinali mingħand is-supplier tal-apparat speċjalizzat;
  - Id-*delivery note* u dokumenti oriġinali li juru li sar il-ħlas kollu;
  - Skont il-ħtieġa, clearance mill-Maltapost / Dipartiment tad-Dwana. Dawn id-dokumenti għandhom jikkonfermaw li: (i) l-apparat speċjalizzat veru nxtara; (ii) il-prezz tal-appararat speċjalizzat, liema prezz ikun jinkludi t-taxxa u l-VAT skont il-każ, veru tħallas kollu; (iii) li dan ix-xiri sar mill-applikant għall-applikant; u li (iv) l-apparat speċjalizzat wasal fir-residenza tal-applikant jew fir-residenza tal-benefiċjarju tal-apparat. L-apparat mixtri jrid ikollu wkoll ċertifikat ta' konformità mal-istandards Ewropej tas-sigurtà, skont kif ikun meħtieġ.

Jiena nitlob li l-pagament ta' dan is-sussidju jsir kif ġej:

Numru IBAN	
BIC	
Isem fuq min hu l-kont	

Jien niddikjara li dawn id-dettalji u l-informazzjoni li tajt f'din l-applikazzjoni huma kollha tajbin. Jien qed nagħti wkoll id-dokumenti kollha mitluba ma' din l-applikazzjoni. Jien niddikjara wkoll li din it-talba hija finali.

_____	_____	_____	_____
Isem l-applikant	**Firma**	**Data**	**Tel.**

NOTI:

F'każ ta' frodi, il-Ministgeru tal-Finanzi u x-Xogħol jista' jibda proċessi kriminali kontra dawk responsabbli. F'każ li jsir pagament żbaljat għal talba li tkun saret, l-istess Ministeru jirriserva d-dritt li jiġbor lura l-flus imħallsa b'mod żbaljat.

Din l-applikazzjoni għandha tkun ppreżentata flimkien mad-dokumenti mitluba fi żmien 6 xhur mid-data tax-xiri tal-apparat speċjalizzat. Hu rakkomandat li jekk id-dokumenti jintbagħtu bil-posta, wieħed għandu juża posta reġistrata. Applikazzjonijiet li jaslu wara dan il-perjodu stabbilit ta' 6 xhur, jiġu meqjusa bħala applikazzjonijiet invalidi.

Informazzjoni personali pprovduta f'din l-applikazzjoni tiġi protetta u użata skont il-Liġi Dwar il-Privatezza tad-Data.

L-informazzjoni f'din l-applikazzjoni ser tiġi użata mill-Ministeru tal-Finanzi u x-Xogħol, il-Kummissarju tat-Taxxi u l-Aġenzija Sapport.

Din l-applikazzjoni tinsab ukoll bil-verżjoni Ingliża.

APPLICATION FOR A GRANT ON THE PURCHASE OF SPECIAL EQUIPMENT FOR USE BY PERSONS WITH DISABILITY

(Please write in BLOCK letters and use blue ink)

Part A: Details of who will be using the Specific Equipment and details of the Specific Equipment
Details in this section are mandatory and to be filled in by all categories of applicants.

Name		**Surname**	
ID Card Nº		**SID Card Nº**	
Email			
Telephone Nº		**Mobile Nº**	
Description of the Special Equipment			
Purchase Price of the Special Equipment	**€**	**VAT Number of the seller of the Special Equipment (if applicable)**	
Signature		**Date**	

Part B: Details of applicant who is applying on own behalf or on behalf of a person with disability.
In the case of Non-Governmental Organisations, fill in Part C.

Name		**Surname**	
ID Card Nº			
Telephone Nº		**Mobile Nº**	
E-mail			

Part C: Details of the Non-Governmental Organisation.
In the case an individual is applying on own behalf or on behalf of a person with disability, fill in Part B.

Name of organisation			
Registration number with Commissioner for Voluntary Organisations			
Telephone Nº		**E-mail**	

Part D: Documents that need to be submitted together with the application.

- A copy of the Special Identity Card of the person with disability;
- If this application is being submitted on behalf or a person with disability, a copy of this person's ID Card. In both cases, in the absence of an ID Card, a copy of any other official document as described in paragraph 4(ii)(b) of this Notice is to be submitted;
- The original fiscal receipt of the special equipment;
- The original invoice of the special equipment;
- In the case of special equipment not purchased from Malta:
  - the original invoice issued by the supplier of the special equipment;
  - the delivery note and original documentary proof that final payment has been effected;
  - As may be required, clearance from Maltapost / Department of Customs. These documents must confirm that: (i) the special equipment was really purchased; (ii) that the purchase price of the special equipment, which price includes duty and VAT as may be required, was really paid in full; (iii) that such a purchase was effected by the applicant for the applicant; and that (iv) the special equipment was delivered to the applicant's residence or to the residence of the special equipment's beneficiary. The purchased special equipment must also have a certificate of conformity with EU standard safety regulations, as may be required.

I request that payment of the grant be made as follows:

IBAN Number	
BIC	
Account Holder Name	

I declare that the details and the information in this application are correct. I am also submitting all the required documents with this application form. I further declare that this claim is final.

_____	_____	_____	_____
Name of applicant in full	**Signature**	**Date**	**Tel N^{o}**

Notes:

Where a fraudulent claim arises, the Ministry for Finance and Employment may institute criminal proceedings against those responsible. In the event of an incorrect payment of a claim, the same Ministry reserves the right to recover funds paid in error.

*This application shall be filled in and presented together with all the relevant documents and shall be submitted **by not later than 6 months from the date of purchase of the special equipment**. It is recommended that if documents are sent by post, registered mail should be used. Applications received after this 6-month period, shall be deemed to be invalid applications.*

Personal information provided on this form is protected and used in accordance with the Data Protection Act.

The information shown on this application form will be used by the Ministry for Finance and Employment, the Commissioner for Revenue and Aġenzija Sapport.

This application form is also available in Maltese.

SKEDA B

L-Ewwel Parti

Amplifiers għall-apparat komunikattiv għal persuni neqsin mis-smigħ
Bath tub lifters;
Typewriters tal-Braille u embossers;
Bsaten bojod;
Bsaten u ferrules;
Buggies speċjali;
Chairlifts;
Gutter frames;
Hoists;
Lifts biex iddaħħal is-siġġu tar-roti fil-karozza;*
Mouth sticks;
Platform stair lifts;
Pressure relief cushions;
Prone standers;
Saqqijiet għal kontra l-feriti;
Sedili għoljin tat-toilet;
Sedili tat-toilet li jintefħu;
Siġġijiet tar-roti manwali;
Siġġijiet tar-roti tal-elettriku;
Siġġijiet speċjali;
Siġġijiet special feeder;
Swimming pool lifters;
Toilet frames/surrounds;
Walkers speċjali tat-tfal.

It-Tieni Parti

Sodod speċjali (sodod b'għoli varjabbli, idrawliċi jew motorizzati);
Pultruni lifting u/jew reclining;
Apparat ta' għajnuna fil-kamra tal-banju bħal siġġijiet tax-shower u grab rails;
Guide Dogs (Liċenzjati mill-Malta Guide Dog Foundation);
Service Dogs (Liċenzjati mill-Malta Service Dog Association);
Magni tal-continuous positive airway pressure therapy (CPAP);
Scooters li jiffaċilitaw il-mobilità;
Kompjuters (inklużi laptops, iPads u tablets);
Reader pens (pen format OCR scanners u speech enabled readers għal persuni bid-dyslexia jew livell ta' viżjoni baxx ħafna;
Apparat speċifikament għall-għomja (bħal displays ta' tipa kbira u voice based output), bħal victor reader, CCTV magnifiers u OCR scanners;
Teknoloġija ta' smart home automation meta tkun installata għall-benefiċċju ta' persuni b'mard newro deġenerattiv u persuni li jużaw il-wheelchair;

*Tapplika għall-modifikazzjonijiet meħtieġa għall-vetturi li diġà jkunu għand l-applikant.

SCHEDULE B

First Part

Amplifiers for communications devices for persons with impaired hearing;
Bath tub lifters;
Braille typewriters and embossers;
White sticks;
Walking sticks and ferrules;
Special Buggies;
Chairlifts;
Gutter frames;
Hoists;
Wheelchair lifts for vehicles;*
Mouth sticks;
Platform stair lifts;
Pressure relief cushions;
Prone standers;
Pressure relief mattresses;
Raised toilet seats;
Padded/Inflatable toilet seats;
Manual wheelchairs;
Powered wheelchairs;
Special seats;
Special feeder chairs;
Swimming pool lifters;
Toilet frames/surrounds;
Children special walkers.

Second Part

Variable height beds, hydraulic or motorized;

Lifting/reclining armchairs;
Bathroom aids (eg: shower chairs, grab rails);

Guide Dogs (Licensed through the Malta Guide Dog Foundation);
Service Dogs (Licensed through the Malta Service Dog Association);
Continuous positive airway pressure therapy (CPAP) machines;
Mobility Scooters;
Computers (including laptops, iPads and tablets);
Reader pens (pen format OCR scanners and speech enabled readers for persons with Dyslexia, or very low vision;

Devices specifically for the blind (like large character display and voice based output) like victor reader, CCTV magnifiers and OCR scanners;
Smart home automation technology when being installed for the benefit of persons with neuro-degenerative diseases and wheelchair users;

*Applies to modifications that are required to vehicles that are already pre-owned by the applicant.

Teknoloġija li taħdem b'eye tracking u head tracking meta użata għall-benefiċċju ta' persuni b'diżabilità sabiex tgħinhom fl-iscreen pointer control u/jew fil-kommunikazzjoni tat-tip assistive and augmentative;

Prodotti ta' teknoloġija assistiva bħal TheGrid, Clicker8, Boardmaker, Dragon Naturally Speaking.

Nru. 402

TERMINAZZJONI TA' KIRI TA' RABA'

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

Jiena hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija, li hija proprjetà tal-Gvern hija meħtieġa għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kap. 573) tal-Liġijiet ta' Malta.

Id-19 ta' April, 2022
(File No. E 08/2022/I/11)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja f'Ħaż-Żabbar:

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 78 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana, mil-Lvant u mix-Xlokk ma' proprjetà tal-Gvern jew irjieħ verjuri u hija reġistrata fir-records tal-Awtorità bħala parti minn tenement numru E00038.

L-art hawn fuq imsemmija fi Triq Wied il-Għajn qiegħda tiġi terminata għal twessigħ ta' triq.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur blu fuq il-pjanta P.D. 67_2003_1, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, il-Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta.

(Iff.) Dr John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

Is-7 ta' April, 2022

No. 402

TERMINATION OF AGRICULTURAL LEASE

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

I hereby declare that the under-mentioned land, which is Government property, is required for a public purpose in accordance with the provisions of the Government Lands Act (Cap. 573) of the Laws of Malta.

19th April, 2022

Description of the Land

The following land at Ħaż-Żabbar:

A plot of land measuring about 78 square metres, bounded on the North, on the East and on the South East by Government property or more precise boundaries and is registered on Authority records as part of tenement number E00038.

The above-mentioned land at Triq Wied il-Għajn is being terminated for the widening of a road.

The above-mentioned land is shown marked with the colour blue on plan P.D. 67_2003_1, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

7th April, 2022

Nru. 403

ATT DWAR SELF TAL-GVERN U L-AMMINISTRAZZJONI TAD-DEJN PUBBLIKU (KAP. 575)

Avviż ta' Ħruġ ta' Kalendarju

Dan il-kalendarju juri t-tul ta' żmien għal kull bill tat-Teżor li ser jinħareg kull ġimgħa għax-xahar ta' Mejju 2022 u li huwa ppubblikat mill-Accountant General skont u għall-finijiet ta' regolament 7 tar-Regolamenti dwar il-Bills tat-Teżor ta' Malta tal-2017:

No. 403

GOVERNMENT BORROWING AND MANAGEMENT OF PUBLIC DEBT ACT (CAP. 575)

Notice of Issuance Calendar

The following calendar shows the tenor of individual weekly issues of Treasury bills for the month of May 2022 and is published by the Accountant General in terms of regulation 7 of the Malta Treasury Bills Regulations 2017:

MONDAY	TUESDAY	WEDNESDAY	THURSDAY	FRIDAY
02	**03** **TB** Tender Date	**04**	**05** **TB** Issue of 91 days maturing 4 August 2022 and 273 days maturing 2 February 2023	**06**
09	**10** **TB** Tender Date	**11**	**12** **TB** Issue of 91 days maturing 11 August 2022 and 182 days maturing 10 November 2022	**13**
16	**17** **TB** Tender Date	**18**	**19** **TB** Issue of 91 days maturing 18 August 2022 and 182 days maturing 17 November 2022	**20**
23	**24** **TB** Tender Date	**25**	**26** **TB** Issue of 91 days maturing 25 August 2022 and 182 days maturing 24 November 2022	**27**

Notes: *Note: TB = Treasury Bills*

1. Public Treasury bills auctions are held regularly every week, typically on Tuesdays. Successful bids are settled on the following Thursday on a T+2 settlement cycle.

2. When the auction date, or the settlement date, or any day in between the auction date and the settlement date falls on a non-business day, the auction takes place on the first business day of the same week.

3. Interest (discount) is always calculated on the actual number of days involved.

4. Bids on tender forms which are available from the Treasury, are to reach the Treasury by 10.00 a.m (CET) on the auction date. Such bids may either be transmitted by fax on 25967210, or by e-mail at the e-mail addresses prescribed on the application form.

5. Only offers with a definite yield quoted to three (3) decimal places shall be considered.

6. Bids must be for a minimum of €250,000 nominal i.r.o. the 28 day tenor, and €50,000 nominal for other tenors. Above these minimum amounts, bids must be made in multiples of €1,000.

7. With regard to the tenor, the following days will apply:
1 month = typically 28 days; 3 months = typically 91 days;
6 months = typically 182 days; 9 months = typically 273 days;
12 months = typically 364 days.

8. In the event of pro-rata allocation, the bidder shall accept any portion of the amount tendered, at the same yield as that tendered for the whole amount.

9. The bidders whose tenders are accepted or rejected under the standard auctions will be informed on the same day on which the auction is held.

10. Settlement (T+2) of amount allotted is to be made by not later than 10.00 a.m CET on the date on which the relative Bills are dated. Settlement is to be made by bank transfer to the credit of the public account held with Central Bank of Malta as indicated on the Letter of Acceptance.

11. The Accountant General reserves the right not to allot any Treasury bills on offer without assigning any reason. For further information please refer to the Malta Treasury Bills Regulations and the Malta Treasury Bills General Prospectus at (www.treasury.gov.mt).

19th April, 2022

Nru. 404

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-MELLIEĦA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikolu 115 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Prim Ministru għoġbu jordna illi n-numri/ismijiet ta' bibien fit-triq imsemmija fil-Mellieħa, hawn taħt elenkati u speċifikati f'din l-iskeda, għandhom jinbidlu kif jidher fl-iskeda msemmija.

No. 404

NUMBERING OF DOORS AT IL-MELLIEĦA

IN exercise of the powers conferred by section 115 of the Code of Police Laws (Cap. 10), the Prime Minister has been pleased to order that the numbers/names of the doors in the undermentioned street at Il-Mellieħa, specified in the subjoined schedule, be altered as stated in the said schedule.

SKEDA/*SCHEDULE*
IL-MELLIEĦA

TRIQ IL-LUĦ

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Napuljun Caruana Dingli

Left side entering from Triq Napuljun Caruana Dingli

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Bieb bla numru	1
Garaxx	3
Garaxx	5
Garaxx	7
Bieb bla numru	9

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Napuljun Caruana Dingli

Right side entering from Triq Napuljun Caruana Dingli

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Bieb bla numru	2
Bieb bla numru	4
Garaxx	6
Garaxx	8
Our Nest (Flettijiet)	10
Bieb bla numru	12
Garaxx	14

Id-19 ta' April, 2022

19th April, 2022

Nru. 405

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIR-RABAT(M)

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikolu 115 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Prim Ministru għoġbu jordna illi n-numri/ismijiet ta' bibien fit-triq imsemmija fir-Rabat(M), hawn taħt elenkati u speċifikati f'din l-iskeda, għandhom jinbidlu kif jidher fl-iskeda msemmija.

No. 405

NUMBERING OF DOORS AT IR-RABAT(M)

IN exercise of the powers conferred by section 115 of the Code of Police Laws (Cap. 10), the Prime Minister has been pleased to order that the numbers/names of the doors in the undermentioned street at Ir-Rabat(M), specified in the subjoined schedule, be altered as stated in the said schedule.

SKEDA/*SCHEDULE*
IR-RABAT(M)

TRIQ DUN FRANĠISK CATANIA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq ir-Rebħa

Left side entering from Triq ir-Rebħa

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Marlin	1
Bieb bla numru	3
Bieb bla numru	5

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq ir-Rebħa

Right side entering from Triq ir-Rebħa

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Daħla	2
Bieb bla numru	4
Persjana	6

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
15, Silmaril	7		
17	9		
Bieb bla numru	11		
19, Lawrence House	13		

Id-19 ta' April, 2022

Nru. 406

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-FGURA

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 530 tas-16 ta' Lulju, 1999, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fil-Fgura', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

19th April, 2022

No. 406

NUMBERING OF DOORS AT IL-FGURA

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 530 dated 16th July, 1999, under the title 'Renumbering of doors at Il-Fgura', the following amendments in **bold** should be made.

IL-FGURA

12. TRIQ TAL-GALLU

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Hompesch

Left side entering from Triq Hompesch

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Hompesch

Right side entering from Triq Hompesch

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Sacred Heart	62
Simam Cottage	64
Garaxx	66

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
62, Sacred Heart	62
Bieb bla numru (Dar)	**64**
Beloved Mary (Flettijiet)	**64A**
66 (Garaxx)	66

Id-19 ta' April, 2022

Nru. 407

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'MARSASKALA

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 357 tat-13 ta' April, 2010, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Marsaskala', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

19th April, 2022

No. 407

NUMBERING OF DOORS AT MARSASKALA

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 357 dated 13th April, 2010, under the title 'Renumbering of doors at Marsaskala', the following amendments in **bold** should be made.

MARSASKALA

2. TRIQ IL-MAĦSEL

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Tal-Gardiel

